PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2010/0000(INI)**

25.6.2010

# ABBOZZ TA' RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabilità tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro
(2010/0000(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Diogo Feio

(Inizjattiva – Artikolu 42 tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

PR_INI_art42

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

ANNESS MAL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI U L-KONTENTUT TAL-PROSPOSTA MRESSQA....**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................**Error! Bookmark not defined.**

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabilità tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro (2010/0000(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 121, 126, 136, 138 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Protokolli (Nru 12) dwar Proċedura għal Defiċit Eċċessiv u (Nru 14) dwar il-Grupp tal-Euro, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2010 dwar it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika (COM(2010)0250 finali),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2010 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni: L-Ewwel Parti tal-Linji gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020 (SEC(2010)0488),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) tal-Kunsill 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv mehmuża mat-Trattat

---

[1] ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.
[2] ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
[3] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[4] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

li jistabbilixxi l-Komunità Europea[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tad-9 u l-10 ta' Mejju 2010,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-Euro tas-7 ta' Mejju 2010,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-Euro tal-25 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro dwar l-appoġġ lill-Greċja tal-11 ta' April 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Grupp tal-Euro dwar is-Sorveljanza tal-Kompetittività fiż-Żona tal-Euro u l-Iżbilanċi Makroekonomiċi tal-15 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra t-Termini ta' referenza tal-Grupp tal-Euro dwar strateġiji ta' ħruġ u l-prijoritajiet ta' politika għall-futur qrib fl-istrateġija Ewropa 2020: l-implikazzjonijiet għaż-Żona tal-Euro tal-15 ta' Marzu 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 1997 dwar il-Koordinazzjoni ta' Politika Ekonomika fl-Istadju III tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u dwar l-Artikoli 109 u 109b tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tas-17 ta' Ġunju 1997[2],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar it-tkabbir u l-impjiegi tas-16 ta' Ġunju 1997[3],

– wara li kkunsidra n-nota tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar it-Tisħiħ tal-Governanza Ekonomika fiż-Żona tal-Euro tal-10 ta' Ġunju 2010,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar il-governanza

[1] ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7.
[2] ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1.
[3] ĠU C 236, 2.8.1997, p. 3.

ekonomika[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar il-kwalità tad-data statistika fl-Unjoni u s-setgħat imsaħħa ta' verifika mill-Kummissjoni (Eurostat)[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar id-Dikjarazzjoni Annwali dwar iż-Żona tal-Euro u l-Finanzi Pubbliċi 2009[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-UE 2020[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0000/2010),

A. billi l-iżviluppi ekonomiċi reċenti wrew biċ-ċar li politika ekonomika ta' koordinazzjoni fi ħdan l-Unjoni ma ħadmitx tajjeb biżżejjed u ma kinitx konformi għalkollox mal-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex iqisu l-politika ekonomika tagħhom bħala kwistjoni ta' tħassib komuni u biex jikkoordinawha fi ħdan il-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni fil-proċedura ta' sorveljanza,

B. billi l-koordinazzjoni u s-sorveljanza ekonomika jeħtieġ jissaħħu fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-prinċipju tas-sussidjarjetà u jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari taż-żona tal-euro u l-lezzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-kriżi ekonomika reċenti,

C. billi r-rwol tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew skont it-TFUE għandu jiġi rrispettat,

D. billi x-xogħol, l-għarfien u l-innovazzjonijiet għandhom tendenza li jemigraw lejn ċerti reġjuni, u l-mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja tal-UE jeħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati billi jiffokaw, b'mod partikolari, fuq ir-riċerka u l-iżvilupp u l-edukazzjoni,

E. billi t-tkabbir ekonomiku huwa kundizzjoni ewlenija għall-istabbiltà ekonomika u soċjali,

F. billi jeħtieġ jinstab bilanċ ġust bejn l-investimenti fit-tkabbir sostenibbli u l-prevenzjoni tad-defiċits eċċessivi matul iċ-ċiklu ekonomiku, skont l-impenji u l-linji gwida fil-livell tal-Unjoni,

G. billi d-diverġenzi bejn il-kompetittività u l-iżbilanċi tal-kontijiet kurrenti fiż-żona tal-euro żdiedu b'rata stabbli matul is-snin qabel il-kriżi u baqgħu jippersistu tul il-kriżi,

---

1 Testi adottati, P7_TA(2010)0224.
2 Testi adottati, P7_TA(2010)0230.
3 Testi adottati, P7_TA(2010)0072.
4 Testi adottati, P7_TA(2010)0053.
5 ĠU C 16E, 22.1.2010, p.8.

H. billi tinħtieġ aktar koordinazzjoni, b'rispett reċiproku, bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew,

I. billi kwalunkwe titjib fis-sorveljanza u l-governanza ekonomika għandu jiddependi minn statistika preċiża u komparabbli tal-politiki u l-pożizzjonijiet ekonomiċi rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati,

J. billi t-TFUE jagħti lill-Unjoni setgħa aqwa għat-tisħiħ tal-governanza ekonomika fl-Unjoni, għalkemm ma jistgħux jiġu esklużi tibdiliet fid-disposizzjonijiet tat-TFUE fil-futur,

K. billi jeħtieġ tiġi stabbilita leġiżlazzjoni sekondarja komprensiva biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni f'dan il-qasam; billi governanza ekonomika msaħħa għall-Unjoni bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tat-TFUE hija essenzjali, il-metodu tal-Unjoni għandu jintuża kollu kemm hu u r-rwol ewlieni tal-Kummissjoni għandu jiġi rrispettat biex jiġu promossi politiki ta' rinforz reċiproku,

L. billi kull proposta leġiżlattiva għandha tappoġġa inċentivi adegwati għal politiki ekonomiċi sostenibbli 'li jsaħħu t-tkabbir', tevita l-periklu morali, tkun konformi ma' strumenti u regoli oħra tal-UE, u taħsad il-benefiċċji sħaħ tal-euro bħala munita komuni taż-żona tal-euro,

M. billi l-koerenza bejn investimenti pubbliċi għal żmien qasir, medju u fit-tul jeħtieġ li tiġi msaħħa u billi dawn l-investimenti, b'mod partikolari rigward l-infrastruttura, jeħtieġ jintużaw b'mod effiċjenti u jiġu allokati għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, partikolarment fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni sabiex tiżdied il-kompetittività u titjieb il-produttività,

N. billi mudelli differenti tal-kompetittività fl-Unjoni għandhom jirrispettaw il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż, filwaqt li jitqiesu l-obbligi skont it-TFUE,

1. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament mill-aktar fis possibbli wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati u fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet xierqa tat-TFUE, proposti leġiżlattivi biex jitjieb il-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-Anness;

2. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness josservaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;

3. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba għandhom ikunu koperti bl-allokazzjonijiet baġitarji xierqa;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-Anness lill-Kummissjoni, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-President tal-Grupp tal-Euro u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

## ANNESS MAL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI U L-KONTENTUT TAL-PROSPOSTA MRESSQA

**Rakkomandazzjoni 1: It-twaqqif ta' qafas koerenti u trasparenti għas-sorveljanza multilaterali tal-iżviluppi makroekonomiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri**

*L-att leġiżlattiv għandu jieħu l-forma ta' regolament(i) dwar is-sorveljanza multilaterali tal-politiki u l-iżviluppi ekonomiċi bbażati fuq l-Artikolu 121(6) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar il-fergħa preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li jiġi kkomplementat minn regolament ġdid bil-għan li jistabbilixxi qafas ta' sorveljanza regolat u trasparenti kemm għall-iżbilanċi eċċessivi, l-effetti ta' tifwir u l-iżviluppi tal-kompetittività:*

– Jiddefinixxi l-ambitu tas-sorveljanza multilaterali bbażata fuq l-istrumenti tat-TFUE u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni bil-għan li jiġu evitati l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, il-politika fiskali u politiki oħrajn insostenibbli, filwaqt li jindirizza t-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u t-tkabbir skont l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020,

– Jistabbilixxi qafas imsaħħaħ ta' sorveljanza analitika (inkluża tabella ta' valutazzjoni b'valuri speċifiċi li jagħtu lok għal twissija bikrija) bl-istrumenti metodoloġiċi xierqa u bi trasparenza għal sorveljanza multilaterali effikaċi bbażata fuq indikaturi ekonomiċi ewlenin (reali u nominali), li jistgħu jaffettwaw il-pożizzjonijiet ta' kompetittività, fosthom, imma mhux biss, ir-rata ta' tkabbir, il-kompożizzjoni tal-PGD nazzjonali, ir-rata tal-impjiegi, l-iżviluppi reali tar-rata tal-kambju, l-iżviluppi fl-ispiża tax-xogħol, l-iżviluppi fil-kont kurrenti/fil-bilanċ tal-pagamenti, it-tkabbir tal-kreditu, il-formazzjoni u l-influssi tal-kapital, l-iżviluppi fil-produttività, u l-iżviluppi fis-swieq tal-assi (fosthom id-dejn privat u s-swieq tal-proprjetà),

– Wara sorveljanza profonda konġunta u bilaterali bbażata fuq it-tabella ta' valutazzjoni msemmija hawn fuq skont il-Linji Gwida Integrati, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-politiki nazzjonali b'mod koordinat filwaqt li jqisu d-dimensjoni tal-Unjoni tal-politiki nazzjonali tagħhom,

– Jistabbilixxi regoli komuni għal użu aktar attiv tal-Linji Gwida Wesgħin għall-Politika Ekonomika bħala għodda prinċipali għall-gwida ekonomika, is-sorveljanza u r-rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru skont l-istrateġija UE 2020, li jiffokaw fuq it-tkabbir, ir-riformi strutturali, il-produttività u l-kompetittività, filwaqt li jitqiesu l-konverġenzi u d-diverġenzi bejn l-Istati Membri, it-tisħiħ tal-vantaġġi kompetittivi relattivi tal-Istati Membri, l-elastiċità tal-ekonomija għal xokkijiet esterni u l-impatt li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri jistgħu jħallu fuq Stati Membri oħra,

– Jistabbilixxi proċeduri biex ikunu jista' jingħata parir dwar il-politiki f'fażi bikrija u biex ikun appoġġat l-użu ta' twissija dwar il-politiki skont l-Artikolu 121(4) TFUE,

– Jistabbilixxi 'semestru tal-Unjoni' għall-ewwel tqabbil u valutazzjoni tal-abbozzi tal-baġits tal-Istati Membri (l-elementi u s-suppożizzjonijiet ewlenin) biex jiġu evalwati aħjar l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni futura tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK) u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali (PRN), filwaqt li jitqiesu l-proċeduri nazzjonali tal-baġit annwali u l-oqfsa multiannwali tal-baġits,

– Jistabbilixxi 'Semestru tal-Unjoni' biex jiġu indirizzati l-Linji Gwida Integrati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, li jippermettu kontribuzzjoni reali u f'waqtha mill-partijiet kollha konċernati,

– Jarmonizza s-suppożizzjoni u l-indikaturi ewlenin użati fil-previżjonijiet sottostanti utilizzati għall-preparazzjoni tal-PSK u l-PRN nazzjonali,

– Jntroduċi impenn akbar fil-PSK u l-PRN biex jaderixxu mal-Objettiv Fiskali għal Terminu Medju (OFTM), li jqis il-livelli attwali tad-dejn u l-passiv impliċitu tal-Istati Membri, partikolarment fir-rigward ta' popolazzjoni li qed tixjieħ,

– Jintroduċi rabta aktar b'saħħitha bejn il-PSK u l-PRN u l-oqfsa baġitarji nazzjonali annwali u multiannwali, filwaqt li jiġu osservati r-regoli u l-proċeduri nazzjonali,

– Jintroduċi valutazzjoni aktar qawwija tal-elementi ewlenin tal-PSK fil-livell tal-Unjoni qabel l-adozzjoni tal-politiki maħsuba fil-PSK fil-livell nazzjonali,

– Jintroduċi involviment qawwi min-naħa tal-parlamenti nazzjonali qabel il-preżentazzjoni formali tal-PSK u l-PRN fil-livell tal-Unjoni f'qafas miftiehem ta' żmien,

– Jistabbilixxi paragun aktar sistematiku bejn il-pożizzjoni fiskali ppjanata kif mogħtija mill-Istati Membri fil-PSK tagħhom u r-riżultati, il-mistoqsijiet u s-segwitu effettivament reali dwar id-diverġenzi sostanzjali bejn iċ-ċifri ppjanati u dawk milħuqa tassew,

– Jiżgura aktar responsabilità u trasparenza lejn il-Parlament tal-valutazzjoni tal-PSK u l-PRN fil-livell tal-Unjoni biex jikbru l-għarfien tal-pubbliku u l-pressjoni mill-pari,

– Jistabbilixxi proċess indipendenti, sistematiku u b'saħħtu ta' evalwazzjoni tal-PSK u l-PRN, taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni, biex ikun hemm approċċ aktar trasparenti u tiżdied il-valutazzjoni indipendenti,

– Jistabbilixxi rekwiżit biex l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni qabel jittieħdu deċiżjonijiet dwar politiki ekonomiċi li jkollhom effetti tanġibbli mistennija ta' tifwir, li jistgħu jgħawġu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM),

– Jistabbilixxi rekwiżit biex l-Istati Membri jagħtu informazzjoni addizzjonali, jekk ikun hemm tħassib sostanzjali li l-politiki mħaddma jistgħu jipperikolaw il-funzjonament xieraq tas-suq intern jew tal-UEM,

– Iqis il-valutazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku fil-qafas superviżorju multilaterali, b'mod partikolari rigward l-istabbiltà finanzjarja, l-istress tests, l-effetti potenzjali ta' tifwir 'il barra u 'l ġewwa u l-akkumulazzjoni ta' dejn privat eċċessiv.

**Rakkomandazzjoni 2: It-tisħiħ tar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST)**

*L-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat (fuq il-bażi ta', inter alia, l-Artikolu 126 TFUE) għandu jkollu l-għan b'mod partikolari li jsaħħaħ il-fergħa preventiva tal-PST u jinkludi ekonomikament u politikament sanzjonijiet aktar sensibbli, waqt li titqies l-istruttura tal-baġit u n-natura tan-nefqa pubblika nazzjonali meħtieġa għal riformi strutturali li jtejbu t-tkabbir:*

– Iniedi l-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (PDE)/il-Proċedura ta' Sorveljanza ta' Dejn Eċċessiv (PSDE) fuq il-bażi tal-livelli tad-dejn gross. Il-PDE/PSDE, inklużi rapporti regolari dettaljati dwar id-dinamika u l-iżvilupp tad-dejn, ikunu attivati għall-Istati Membri kollha li fihom il-livell ta' dejn tal-gvern jaqbeż il-limitu ta' 60% u ma jkunx qiegħed jonqos b'pass sodisfaċenti. Il-PDE għandha tkun "wieqfa" sakemm il-pajjiż jissodisfa l-OFTM tiegħu u tiġi revokata ladarba l-livell tad-dejn ikun anqas minn 60%.

– Iqis il-livell tad-dejn u d-dinamika tad-dejn (stima tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi) b'aktar importanza fil-pass tal-konverġenza lejn OFTM speċifiku għal kull Stat Membru li għandu jiġi inkluż fil-PSK,

– Jistabbilixxi qafas armonizzat ċar sabiex ikejjel u jimmonitorja d-dinamika tad-dejn, inklużi l-obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti, bħal garanziji pubbliċi fl-investimenti ta' sħubijiet privati u pubbliċi,

– Jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jinkludi twissijiet possibbli u sanzjonijiet li jiżdiedu għall-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-OFTM tagħhom jew li mhumiex joqorbu lejh bil-pass miftiehem,

– Jistabbilixxi regoli minimi u linji gwida għall-proċeduri baġitarji nazzjonali (jiġifieri, l-oqfsa annwali u multiannwali finanzjarji) sabiex jiġi implimentat l-obbligu fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Dawk l-oqfsa nazzjonali għandhom jinkludu tagħrif suffiċjenti kemm dwar in-naħa tal-ispiża kif ukoll dwar in-naħa tad-dħul tal-azzjonijiet baġitarji ppjanati sabiex jippermetti diskussjoni sensibbli u skrutinju tal-pjanijiet baġitarji fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni,

– Jinkoraġġixxi t-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija għall-kontroll baġitarju fil-livell nazzjonali,

– Jistabbilixxi inċentivi speċifiċi u preventivi minn qabel li għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni, b'mod indipendenti mill-Kunsill, jew sanzjonijiet semiawtomatiċi, sabiex jiġu ffaċilitati l-passi ta' twissija bikrija u jiġu applikati b'mod progressiv,

– Jinforza u jimplimenta dan il-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro bħala parti mill-qafas ta' sorveljanza multilaterali ġdid u l-istrumenti l-ġodda tal-PST, b'mod partikolari t-titjib fir-rwol imtejjeb tal-OFTM,

– Jagħmel il-bidliet meħtieġa għall-proċedura deċiżjonali interna tal-Kummissjoni sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni effiċjenti u mgħaġġla ta' dawk il-penalitajiet preventivi semiawtomatiċi.

**Rakkomandazzjoni 3: It-titjib tal-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro mill-Grupp tal-Euro**

*Jirrikonoxxi li l-pajjiżi taż-żona tal-euro huma f'sitwazzjoni differenti minn Stati Membri oħra minħabba li m'għandhomx il-mekkaniżmu tar-rati tal-kambju għad-dispożizzjoni tagħhom jekk ikollhom bżonn jaġġustaw il-prezzijiet relattivi u jaqsmu r-responsabbiltà tal-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kollha kemm hi, ir-regoli l-ġodda, ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra f'din ir-riżoluzzjoni u l-Artikolu 136 TFUE u l-Protokoll*

*(Nru 14) dwar il-Grupp tal-Euro, għandu jkollhom l-għan li:*

– Jistabbilixxu qafas speċifiku għaż-żona tal-euro għall-monitoraġġ imsaħħaħ li jiffoka fuq diverġenzi eċċessivi makroekonomiċi, il-kompetittività tal-prezzijiet, ir-rati tal-kambju reali, it-tkabbir tal-kreditu u l-iżviluppi tal-kontijiet kurrenti tal-Istati Membri kkonċernati,

– Iżidu l-importanza tar-rapporti annwali ta' sorveljanza dwar iż-żona tal-euro bbażati fuq rapporti tematiċi multinazzjonali trimestrali li jiffokaw b'mod partikolari fuq l-effetti potenzjali ta' tifwir minn żviluppi ekonomiċi globali u minn politiki u ċirkostanzi li għandhom impatt partikolari fuq ċerti Stati Membri fiż-żona tal-euro,

– Isaħħu s-Segretarjat u l-Kabinett tal-President tal-Grupp tal-Euro,

– Iżidu t-trasparenza u r-responsabilità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Grupp tal-Euro billi jiġi stabbilit djalogu regolari mal-President tal-Grupp tal-Euro fi ħdan il-Kumitat kompetenti fil-Parlament, u billi jiġu ppubblikati malajr id-deċiżjonijiet meħuda mill-Grupp tal-Euro fuq il-*webpage* tagħhom.

**Rakkomandazzjoni 4: It-twaqqif ta' mekkaniżmu robust u kredibbli għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni tad-dejn eċċessiv fiż-żona tal-euro**

*Valutazzjoni tal-impatt u studju ta' fattibilità għandhom isiru qabel kwalunkwe att leġiżlattiv (ibbażat fuq l-Artikolu 352 TFUE jew fuq xi bażi legali oħra xierqa) bil-għan li:*

– Jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti jew korp (Fond Monetarju Ewropew) bħala mekkaniżmu aħħari għall-każijiet fejn l-iffinanzjar tas-suq ma jkunx għadu disponibbli fuq il-bażi ta' mekkaniżmi eżistenti (il-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja u l-Istrument Ewropew għall-Bilanċ tal-Pagamenti) b'regoli ċari dwar il-proċedura deċiżjonali, il-finanzjament, il-kundizzjonalità għas-self, il-monitoraġġ, ir-regoli dwar il-qsim tal-piż, u r-riżorsi u s-setgħat sabiex jiffaċilitaw l-attività ta' self u tislif f'ċirkostanzi eċċezzjonali u sabiex jiffaċilitaw soluzzjoni ordnata li tevita l-kontaġju u l-insolvenza *ring-fencing* tad-dejn sovran, jekk ikun meħtieġ.

**Rakkomandazzjoni 5: Analiżi tal-istrumenti baġitarji, finanzjarji u fiskali tal-UE:**

*L-att leġiżlattiv/l-istudju ta' fattibilità li għandu jiġi adottat bil-għan li:*

– Issir valutazzjoni tal-fattibbiltà (in-natura, ir-riskji u l-vantaġġi) li tiġi stabbilita sistema fit-tul għall-ħruġ ta' bonds tal-gvern komuni,

– Isaħħaħ il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) sabiex jonqsu d-difetti strutturali u tiżdied il-kompetittività tar-reġjuni ekonomiċi l-aktar dgħajfa, b'mod partikolari billi jitħaffu l-ħtiġijiet finanzjarji tal-SMEs u d-dħul tagħhom fis-suq intern,

– Jiżviluppa strateġija baġitarja jew linji gwida komuni għall-baġits nazzjonali u l-baġit tal-UE skont l-istrateġija Ewropa 2020,

– Jistabbilixxi qafas ċar għal sforz konġunt imġedded tal-fondi baġitarji tal-UE u r-riżorsi finanzjarji tal-BEI, biex tikber il-lieva fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss tal-fondi baġitarji permezz tal-kompetenza tal-BEI fil-inġinerija finanzjarja, l-impenn għall-politiki tal-UE u r-rwol kruċjali fost l-istituzzjonijiet finanzjarji tas-settur pubbliku u privat,

– Jistabbilixxi grupp ta' livell għoli għall-politika fiskali presedut mill-Kummissjoni b'mandat biex jaħdem għal approċċ strateġiku u prammatiku dwar kwistjonijiet ta' politika fiskali fl-Unjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-ġlieda kontra l-frodi fiskali, jissaħħaħ mill-ġdid il-kodiċi ta' kondotta dwar it-tassazzjoni kummerċjali u jiffaċilita l-adozzjoni tal-Bażi Fiskali Korporattiva Konsolidata Komuni u riformi fiskali li jtejbu t-tkabbir.

**Rakkomandazzjoni 6: Ir-regolamenti u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji b'dimensjoni makroekonomika ċara:**

*L-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu jkollu l-għan li:*

– Jivvaluta r-reviżjoni possibbli tar-rekwiżiti kapitali għal istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jiddifferenzjaw aħjar bejn il-proporzjonijiet kapitali applikati għal kwistjonijiet ta' dejn sovran minn Stat Membru.

**Rakkomandazzjoni 7: It-titjib fl-affidabilità tal-istatistika tal-UE**

*L-att leġiżlattiv li għandu jiġi adottat għandu jkollu l-għan li:*

– Jiżgura l-implimentazzjoni stretta ta' impenji politiċi miftiehma fil-qasam tal-istatistika,

– Isaħħaħ il-poteri investigattivi tal-Kummissjoni (Eurostat), bħal spezzjonijiet fuq il-post mingħajr twissija minn qabel u aċċess għal kull informazzjoni dwar il-kontabilità u l-baġit, għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-finanzi pubbliċi,

– Jitlob lill-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'data li tkun konformi mal-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea[1],

– Jitlob lill-Istati Membri jindikaw liema data pprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat) tkun appoġġata minn dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' assigurazzjoni u minn rapport ta' awditur indipendenti,

– Jistabbilixxi sanzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għall-provvediment ta' statistika li ma tikkonformax mal-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/09,

– Jirrevedi l-ħtieġa għal data aktar armonizzata, rilevanti għall-qafas ta' governanza ekonomika proposta f'dan l-Anness. B'mod partikolari, jiżgura qafas ta' kwalità xierqa għall-istatistika Ewropea meħtieġa biex jitjieb il-qafas analitiku ta' sorveljanza, inkluża tabella ta' valutazzjoni, għal sorveljanza multilaterali effikaċi skont ir-Rakkomandazzjoni 1,

1 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

– Jarmonizza d-data tal-finanzi pubbliċi bbażata fuq metodu ta' kontabilità standardizzat u aċċettat fil-qasam internazzjonali,

– Jiżgura l-iżvelar konsistenti u miftuħ ta' passiv li ma jidhirx fil-karti tal-bilanċ, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħlasijiet futuri mitluba għal pensjonijiet tas-settur pubbliku u għal kuntratti fit-tul mas-settur privat għall-kiri jew l-għoti ta' faċilitajiet pubbliċi.

**Rakkomandazzjoni 8: It-titjib fir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni fil-qasam tal-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji**

*L-att leġiżlattiv (ibbażat fuq l-Artikolu 138 TFUE) li għandu jiġi adottat għandu jkollu l-għan li:*

– Ifittex ftehim dwar rappreżentanza għaż-żona tal-euro/għall-UE fil-FMI u f'istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti oħrajn fejn ikun xieraq,

– Jeżamina arranġamenti għar-rappreżentanza taż-żona tal-euro/tal-UE f'korpi internazzjonali oħrajn fil-qasam tal-istabbiltà ekonomika, monetarja u finanzjarja.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali attwali wriet li l-mudell ta' governanza ekonomika eżistenti fl-Unjoni ma ħadimx b'mod daqshekk effikaċi daqskemm kien maħsub idealment. Matul l-aħħar snin ma kienx hemm biżżejjed konverġenza bejn l-Istati Membri. Minflok, baqgħu l-iżbilanċi makroekonomiċi u fiskali u dawn komplew jiżdiedu matul l-aħħar 11-il sena. Il-qafas ta' sorveljanza kien dgħajjef wisq u r-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ma ġewx osservati biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward tal-fergħa preventiva. Bħala riżultat l-iżbilanċi makroekonomiċi baqgħu u l-finanzi pubbliċi saru aktar insostenibbli. Il-kriżi tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro kienet l-aħħar pass, fir-rebbiegħa 2010. Issa għandna bżonn nitgħallmu mill-iżbalji tal-passat u għandna tieqa ta' opportunità biex jittejjeb il-qafas ekonomiku u biex jiġu stabbiliti strumenti ta' sorveljanza ċari u aktar preċiżi.

Dan ir-rapport, li jikkomplementa l-ħidma preċedenti u attwali tal-Parlament Ewropew, għandu l-għan ewlieni li jippreżenta xi ideat għar-riformi strutturali u l-proċedura li jistgħu jwasslu l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex isaħħu r-rwol rispettiv tagħhom mad-destin komuni. Jaspira għal koordinazzjoni aħjar ma' u bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari l-Istati Membri fiż-żona tal-euro, sabiex tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' sitwazzjonijiet bħal dawk osservati dan l-aħħar. Dawn il-miżuri għandhom jiffokaw fuq terminu qasir jew medju ta' żmien previst mil-leġiżlazzjoni sekondarja, u fuq terminu itwal, li jista' jimplika tibdil fit-Trattati.

Huwa kruċjali li fil-ġejjieni, l-Istati Membri jikkonformaw għalkollox mar-regoli u d-deċiżjonijiet miftiehma fil-livell tal-UE, bħar-regoli u l-istrumenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Is-sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità osservati fl-aħħar snin m'għandhomx jirrepetu ruħhom. Jinħtieġu aktar kontrolli fuq id-defiċit pubbliku flimkien ma' monitoraġġ aktar profond tal-evoluzzjoni tad-dejn pubbliku, kif ukoll rigward id-dħul pubbliku.

Għandna bżonn ukoll enfasi qawwija fil-produttività u l-kompetittività tal-UE fir-rigward tal-għanijiet UE2020 b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, li jaħsbu għall-flessibilità tas-suq. Għandna bżonn nipproċedu bir-riformi strutturali dwar il-politika soċjali u l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol, inċentivi fiskali għall-SMEs – il-magna ewlenija tat-tkabbir – u t-titjib fis-suq intern fejn l-Istati Membri m'għandhomx jikkompetu bejniethom iżda għandu jkun hemm rispett għar-ritmu differenti tagħhom u l-modi tat-tkabbir u l-iżvilupp.

L-ideat prinċipali ta' dan ir-rapport huma żviluppati fi tmien rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jistabbilixxu l-ideat ġenerali ta' x'għandha tkun il-governanza u l-istabbiltà ekonomika fl-Unjoni Ewropea:

- Rakkomandazzjoni 1: It-twaqqif ta' qafas koerenti u trasparenti għas-sorveljanza multilaterali tal-iżviluppi makroekonomiċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri
- Rakkomandazzjoni 2: It-tisħiħ tar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST)
- Rakkomandazzjoni 3: It-titjib tal-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro mill-Grupp tal-Euro
- Rakkomandazzjoni 4: It-twaqqif ta' mekkaniżmu robust u kredibbli għall-prevenzjoni

u s-soluzzjoni tad-dejn eċċessiv fiż-żona tal-euro

- Rakkomandazzjoni 5: L-analiżi tal-istrumenti baġitarji, finanzjarji u fiskali tal-UE
- Rakkomandazzjoni 6: Ir-regolamenti u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji b'dimensjoni makroekonomika ċara
- Rakkomandazzjoni 7: It-titjib fl-affidabilità tal-istatistika tal-UE
- Rakkomandazzjoni 8: It-titjib fir-rappreżentanza esterna tal-Unjoni fil-qasam tal-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.